GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

**ĊIRKULARI**

**Data:** **20 ta' Settembru 2022** **Ref: DDLTS 22/2022**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Is-Sur Omar Seguna – Uffiċċjal Edukattiv għal-Litteriżmu Diġitali**

**Suġġett:** **Attivazzjoni ta' timijiet maħluqa fil-Microsoft Teams**

---

Bħalma ġara fl-aħħar snin, ser jinħolqu tims awtomatiċi għal kull klassi tal-Primarja u għal kull suġġett fis-Sekondarja (u Medji) permezz ta' integrazzjoni bejn MySchool u Microsoft Teams. Dan se jgħin biex l-għalliema jitnaqqsilhom ftit mix-xogħol sabiex joħolqu timijiet għall-klassijiet li jgħallmu. Barra minn hekk issa t-timijiet se jkomplu jaġġornaw awtomatikament matul is-sena jekk studenti ġodda jingħaqdu u oħrajn jitilqu mill-iskola jew inkella f'każ li jiċċaqalqu minn klassi għall-oħra.

Hekk kif din l-integrazzjoni tiġi attivata, il-gruppi maħluqa f'MySchool se jiġu riflessi fil-Microsoft Teams, bl-istess Owners u Members.

- L-Għalliema (Team Owners) se jsibu l-klassijiet kollha li jgħallmu fil-Microsoft Teams permezz tal-iLearn tagħhom (ara l-manual).
- L-istudenti mhux se jkollhom aċċess għal dawn il-klassijiet qabel ma l-għalliema tagħhom jattivaw dawn it-timijiet individwalment.
- L-għalliema jistgħu jbiddlu l-ismijiet tal-klassijiet li jinħolqu b'mod awtomatiku fil-Microsoft Teams u anke jneħħuhom.
- L-għalliema jistgħu jżidu Membri oħra (kwalunkwe utent ieħor bi kwalunkwe email iLearn) mal-Klassi fil-Microsoft Teams. Dawn il-Membri miżjuda mill-għalliema ma jitneħħewx jekk ikun hemm xi aġġornamenti fil-klassi tagħhom.
- L-għalliema jridu jżidu l-LSEs bħala membri.
- L-għalliema jistgħu ukoll iżidu timijiet oħra.
- F'każ li xi għalliema diġa ħolqu t-timijiet tagħhom bil-fajls u l-membri, dawn jistgħu jużaw it-tim tagħhom.

Mehmuża jekk jogħġbok għandek issib linji gwida li jispjegaw pass pass kif l-għalliema jistgħu jattivaw timijiet fil-Microsoft Teams sinkronizzati mal-MySchool u kif iżidu u jneħħu l-membri.

Xi għalliema jkunu jixtiequ wkoll li jreġġgħu lura timijiet li jkunu għamlu fis-sena ta' qabel. Mehmuża wkoll għandek issib kif dan jista' jsir.

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**

t + 356 2598 1565/6 e digital-literacy@ilearn.edu.mt | www.education.gov.mt